**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Carlos Cordina**

**Spettur Kurt Zahra**

**Vs**

**Brandon Pace**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Brandon Pace, iben Silvio (Saviour) u Liza nee' Grima, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Mejju 1995 u residenti gewwa 18, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala w detentur tal-karta tal-identita' b'numru 211095(M);

Talli nhar is-6 t'Awwissu 2016 ghall-habta ta' 13:30 minn gewwa 'Anshel Bar', li jinsab fi Triq Patri Magri, Hamrun:

1) Ikkommetta serq ta' sigaretti li l-valur taghhom jammonta ghal 1200€, kif ukoll 1550€ fi flus kontanti, ghad-detriment ta' Mario Gauci detentur ta' karta tal-identita' b'numru 324668(M) u'jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ggravat bil-'mezz' u bil-'valur'

li jiskorri l-ammont t'elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (2,329.37 euro);

2) Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont t'elfejn u hames mitt euro (2,500€), izda tiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250), liema hsara saret ghad-dannu ta' Mario Gauci detentur ta' karta tal-identita' 324668(M) u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

3) U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

4) U akkuzat talli nhar is-6 t'Awwissu 2016, naqa li josserva xi kundizzjoni mposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar l-14 ta' Frar 2016 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;

5) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna ir-rearrest ta l-imsemmi Brandon Pace. Kif ukoll ordna li s-somma ndikata bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 279(b) u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li din il-Qorti giet infurmata li l-imputat safa vittma t'omicidju w gie pprezentat certifikat tal-mewt tieghu;

Din il-Qorti qieghda tiddikjara dawn il-procedimenti ezawriti.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**